PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

IMĦALLEF
ONOR. ROBERT G. MANGION

SEDUTA TAS-26 TA' SETTEMBRU, 2023

Rik. Ġur. 27/2020 RGM

Carmelo Borg u Emanuela sive Noella Borg

v.

Dennis Bezzina u Caroline Bezzina

Il-Qorti

1. Permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2020 l-atturi ippremettew u talbu s-segwenti:

   "Illi l-intimati ghamlu fil-konfront taghhom diversi atti inklusi mandati ta' inibizzjoni sabiex ir-rikorrenti jigu inibiti milli jbieghu jew jassenjaw sehem minn jew kwalunke dritt reali u jew personali in konessjoni ma bicca art diviza tal-kejl ta' circa 1380.80 metri kwadri mhux fabbrikabbil f' San Giljan formanti parti mill-art tad-Delli bl-arja libera tieghu tikkonfina lvant ma' triq Mikiel Anton Vassalli, liema mandati jgibu in-numri 989/2016 u 1478/2019; illi l-

intimat ghamel ukoll kawza f'l-ismijiet inversi li ggib in-numru 1338/17 f'liema ippretenda u talab s-segwenti:

"1. Tiddikjara

Illi specjalment it-tieni mandat ta' inibizzjoni li gie pprezentat wara li l-ewwel mandat kien gie michud b' degriet tal-20 ta' lulju, 2016 kien xejn hlief abbuz tal-procedura u intiz biex jikkawza intralc lir-rikorrent fin-negozju ta' dina l-art; illi fil-fatt anke dan it-tieni mandat kien gie definitvament michud b' degriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' dicembru, 2019, u dan wara li kien gja in linja preliminari provizorjament milqugh sa kemm f' l-ahhar gie michud bid-degriet fuq imsemmi;

Illi dawn il-proceduri mibdija inkonsultament mill-intimati kif ukoll l-pretensjonijiet minnhom avanzati fir-rigward tal-fuq imsemmija art, liema art inxtrat u tappartjeni unikament u esklusivament lir-rikorrenti qgheda tikkawza spejjez u danni lill-istess rikorrenti billi minhabba l-istess pretenzjonijiet avanzati kontra taghhom mill-intimati, kif ukoll in vista tal-mandati presentati mill-intimati ripetutament, ir-rikorrenti qeghdin jsibu l-istess ta' xkiel fin-negozju ta' din l-art b' dannu ingenti ghalihom liema danni jigu ippruvati fil-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza, anke okkerendo bin-nomina ta' periti nominandi;"

Talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni fil-konfront u ghal-favur tar-rikorrenti u dana minhabba il-mandati ta' inibizzjoni u l-pretenzjonijiet minnhu avanzati fil-konfront tar-rikorrenti liema pretensjonijiet kienu bla bazi jew dritt fil-ligi, inkonsulti, frivoli u vessatjorji, u gew ripetutament avanzati bil-hsieb li jarreka tfixkil lill-rikorrenti fin-negozju taghhom;

2. Tillikwida dawk id-danni li jirrisultaw kawzati lir-rikorrenti mill-intimati minhabba u b' konsegwenza tal-agir taghhom kif fuq inghad, kif ukoll penalitajiet in vista tal-mandati minnhom presentati u dan anke b' l-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intmati biex jhallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

B' lis-spejjez u b' l-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni"

2. Il-konvenuti laqgħu għat-talbiet attriċi billi resqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

L-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi l-mertu li abbazi tieghu r-rikorrenti qeghdin isejsu din il-kawaza ghadu ma giex determinat b'mod definittiv. Dak illi kellhom jaghmlu r-rikorrenti hu li l-ewwel jistennew l-ezitu tar-rikors guramentat bin-numru 1138/2017 RGM fl-ismijijet *Dennis Bezzina et vs Carmelo Borg et* u wara, f'kaz ta' ezitu posittiv ghalihom, jintavolaw il-procedura odjerna.

Illi fit-talba ghall-hrug tal-mandati mill-esponenti ma kien hemm ebda talba kapriccjuza jew malizzjuza jew *in mala fede* jew inkonsulti kif allegat u ghalhekk ma hemmx lok ghal danni kif pretiz. Ma kien hemm xejn abbuziv jew vessatorju fil-hrug tal-mandati, izda ezercizzju legittimu ta' dritt kawtelatorju.

Illi wkoll il-fatt wahdu li fid-decizjoni tal-20 ta' Dicembru, 2019 il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali fil-kawza dwar il-mertu tal-jedd bejn il-partijiet tkompli tikkonferma kemm it-talba

tal-esponenti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni la hi frivola, la hi vessatorja, la hi inkonsulta u lanqas ma harget *in mala fede* kif allegat mir-rikorrenti.

Illi l-fatt li t-talba tal-esponenti giet michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser li sar abbuz mid-dritt li taghti l-ligi. Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interprettazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

Illi l-procedura odjerna hi fiergha u vessatorja u wkoll tikkostitwixxi ezercizzju ta' abbuz ta' dritt billi din l-azzjoni hija intiza biss li zzomm lill-esponenti milli jkomplu bil-kawza taghhom bin-numru bin-numru 1138/2017 RGM fl-ismijijet *Dennis Bezzina et vs Carmelo Borg et.*

Illi fl-ahharnett, l-esponenti jikkontestaw it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Rat l-atti tal-kawża odjerna kif ukoll l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Dennis Bezzina et. v. Carmelo Borg et (1138/2017RGM)** deċiża ,minn din il-Qorti kif presejduta fit-**13 ta' Lulju, 2023** fejn it-talbiet ta' Dennis Bezzina et. ġew miċħuda wara li l-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- "Mill-kwadru sħiħ tal-fatti li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ illi bejn l-attur u l-konvenut kien hemm relazzjoni ta' xogħol ta' senserija magħmul flimkien u bi sħab għal numru ta' snin. Kien hemm fiduċja kbira f'dak li kienu jagħmlu, kollox kien jistrieħ fuq il-kelma ta' bejniethom.

- Ġara iżda illi meta interessaw ruħhom fl-art mertu tal-kawża bdew jikkonsidraw illi minflok ma jaġixxu bħala sensara jittentaw illi jakkwistaw l-art huma. Pero' kien hemm intopp għal dak il-ħsieb peress li f'dak iż-żmien l-attur għarraf lill-konvenut illi kien għaddej minn problemi matrimonjali ma' martu l-attriċi u għalhekk ma setax jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist flimkien ma' martu. L-attriċi xhedet illi l-problemi matrimonjali ta' bejnha u l-attur damu bejn sentejn u tlett snin mill-2013 'il quddiem[1].

- Dan jaqbel xi ftit jew wisq mad-dati rilevanti peress li filwaqt li l-konvenju fuq din l-art ġie ffirmat mill-konvenut proprio et nomine fit-18 ta' Lulju, 2014[2], il-kuntratt ġie ppubblikat fit-28 ta' Frar, 2015[3].

- L-attriċi xhedet illi l-ewwel darba li żewgha qalilha b'dak in-negozju tiegħu mal-konvenut dwar din l-art kien biss fis-sena 2016[4]. Kien dak iż-żmien li l-attur staqsiha jekk kenitx taċċetta li tiffirma l-kuntratt sabiex jakwistaw nofs indiviż tal-art.

- Dan mhux dettal traskurabbli. Anzi fil-fehma tal-Qorti huwa l-aspett fattwali l-aktar rilvenati fir-rigward tal-pretensjoni tal-atturi illi l-konvenut meta deher fuq il-kuntratt tal-akkwist kien

[1] Xhieda a fol. 190
[2] Kopja a fol. 75 tal-proċess
[3] Kopja a fol. 84 tal-proċess
[4] Xhieda a tergo. Fol. 189

qed jaġixxi mhux biss bħala prokuratur ta' martu iżda wkoll prestanome għall-atturi.

- Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi meħudha in konsiderazzjoni ir-riżultanzi kollha proċesswali, l-asserzjoni da parti tal-atturi li l-konvenut aġixxa bħala prestanome m'għandiex mill-verita' u hija kontradetta mill-provi miġjuba mill-istess atturi.

- L-atturi jammettu illi fis-snin 2014 u 2015 ma kienux qed jitkellmu tant illi dwar din l-art l-attur għamel kollox minn wara dahar martu. Huwa ammess anke mill-istess atturi illi l-attur ma kellux il-prokura ta' martu. Huwa ammess ukoll illi fis-snin 2014 u 2015 l-attriċi ma kelliex idea li żewġha kien qiegħed jinnegozja mal-konvenut dwar din l-art.

- Ħawnhekk tinsorġi waħedha d-domanda: Jekk l-attriċi ma kelliex idea x'kien qed jinnegozja żewġha mal-konvenut u lanqas tagħtu prokura sabiex jinnegolzja f'isimha, kif qatt setgħat l-attriċi tinkariga lill-konvenut bħala *prestanome* tagħha? Mod ieħor, kif qatt seta' l-attur f'dawn iċ-ċirkostanzi jinkariga lill-konvenut bħala *prestanome* ta' martu?

- Il-verita' emerġenti mill-provi akkwiżiti hi ċara għal din il-Qorti. Meta ġie ffirmat il-konvenju kif ukoll meta ġie ffirmat il-kuntratt tal-akkwist, l-attur ma kellu l-ebda ħsieb li huwa flimkien ma' martu jixtru u jakwistaw 'il quddiem nofs indiviż ta' dik l-art. Anzi kellu l-ħsieb l-attur illi l-art ma jakkwistaha qatt, l-akkwist u l-bejgħ eventwali isir mill-konvenuti mingħajr ma hu jidher fuq il-kuntratti, filwaqt li huwa joħroġ sehemu daqs il-konvenuti sabiex eventwalment huwa jgawdi mill-profitti prospettati daqs il-konvenuti, kollox ad insaputa ta' martu l-attriċi.

- Għal din il-Qorti kienu jafu sew x'inhuma jiffirmaw l-attur u l-konvenut fuq l-iskrittura tat-28 ta' Frar 2015 anke għaliex il-kontenut ta' dik l-iskrittura ta' negozju kienet *in parte* replika ta' skrittura oħra, b'dettal differenti sinifikanti ħafna, li l-attur u l-konvenut f'ismu u f'isem martu kienu ffirmaw lura fit-18 ta' Lulju 2014[5] flimkien mal-konvenju fuq l-istess art.

- omissis -

- Kejl dwar jekk kienx hemm ftehim *prestanome* huwa eżami dwar jekk fil-mument li ġie ffirmat il-kuntratt ta' l-akkwist mill-konvenut, l-attur kienx f'posizzjoni li jakkwista. Dakinhar u mhux sena wara. Evidenti li ma setax. Fl-ewwel lok peress li mingħajr il-kunsens ta' martu ma setax jakkwista. Fit-tieni lok lanqas seta jakkwista għan-nom ta' martu peress li ma kellux il-prokura tagħha, apparti li kien ħalliha fil-għama dwar dak kollu li kien qed iseħħ dwar din l-art. Għalhekk fil-mument li ġie ppubblikat il-kuntratt fit-28 ta' Frar, 2015, l-attur ma setax jakkwista sehem mill-immobbli, la f'ismu personali u wisq anqas f'isem martu l-attriċi.[6] Ċirkostanza din li kif rajna teskludi b'mod inekwivoku l-eżistenza ta' mandat prestanome.

- Huwa aktar milli evidenti għal din il-Qorti illi l-attriċi ma setgħat qatt taħtar lill-konvenuti *prestanome* tagħha dwar negozju li ma kienet taf xejn dwaru. L-inkarigu *prestanome* ma jista' qatt jingħata b'effett retroattiv. L-asserzjoni tal-atturi f'dan ir-rigward ma ssib l-ebda fondament fl-elementi kostitutivi tal-istitut tal-prestanome.

---

[5] Kopja a fol. 81 tal-proċess

[6] Art. 1322 Kap. 16 : "Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liż-żewġ miżżewġin flimkien.". Fost l-atti ta' amministrazzjoni straordinajra sub inċiż 3 (a) isemmi: "(a) atti fejn jeddijiet reali fuq beni immobbli jkunu akkwistati, maħluqa jew trasferiti;"

- **Għaldaqstant it-talbiet attriċi in kwantu msejsa fuq l-allegat mandat *prestanome* qed jiġu respinti.**

Wegħda ta' Trasferiment ta' Immobbli.

- Respinti t-talbiet attriċi safejn msejsa fuq l-istitut tal-*prestanome* il-Qorti mhiex ser tieqaf hawnhekk. Anke għaliex jirriżulta li f'xi mument bejn l-iffirmar tal-iskrittura tat-28 ta' Frar, 2015 u l-intavolar tal-kawża odjerna, identifikat mill-attriċi bħala fis-sena 2016, kien sar diskors bejn l-attur u l-konvenut illi nofs indiviz tal-art iddur fuq l-atturi. Dan jidher li sehh primarjament għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok jidher illi l-konvenut beda jkollu ripensament fuq dak li ftiehem fuq l-iskrittura tat-28 ta' Frar, 2015 għaliex kien ser ikun espost għall-responsabbiltajiet fiskali fejn fl-apparenza il-profitt eventwali kien ser jidher kollu fuqu mentri bejniethom fuq skrittura privata kienu ftehmu li jaqsmu l-profitt. Fit-tieni lok jidher illi meta fis-sena 2016 l-atturi kienu irrkonċiljaw bejniethom, l-attur xtaq illi ma jibqax "sħab silenzjuż" u għalhekk talab lill-konvenut sabiex huwa u martu jakwistaw mingħand il-konvenuti nofs indiviż tal-art.

- U hawn beda l-inkwiet bejn l-attur u l-konvenut meta dan ta' l-aħħar, minħabba l-bdil fiċ-ċirkostanzi personali tiegħu, ma riedx jibqa' 'sħab silenzjuż" .

\- omissis -

- Il-Qorti ma taqbilx illi l-iskrittura tat-28 ta' Frar, 2015 għandha titqies bħala konvenju għall-finijiet ta' din il-kawża peress li

mkien ma hemm imsemmi fiha xi wegħda ta' trasferiment iżda biss referenza għan-negozju ta' bejniethom relatat mal-immobbli li kien għadu kemm inxtara mill-konvenuti.

- Għall-kompletezza ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tirreferi għall-obbligi fiskali meta jsir ftehim bil-miktub dwar wegħda ta' trasferiment ta' immobbliSkoll kif stipulat fl-**Artikolu 3 (6) tal-Kapitolu 364**, **Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti**:

- "konvenju ta' bejgħ jew ta' trasferiment ta' kull proprjetà immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha, ma jkunx validu jekk avviż tiegħu ma jkunx ingħata lill-Kummissarju fi żmien u b'dak il-mod, u li jkun fih dawk il-partikolaritajiet, li jistgħu jiġu stabbiliti. Dan l-avviż għandu jingħata flimkien ma' ħlas ta' taxxa provviżorja ekwivalenti għal għoxrin fil-mija tal-ħlas ta' taxxa [...]"

- Dan it-tieni rekwiżit kien isir rilevanti kieku fis-sena 2016 il-partijiet resqu fuq skrittura ta' wegħda ta' trasferiment. Mankanti l-iskrittura ta' wegħda ta' trasferiment, kwalunkwe wegħda bil-fomm li setgħat saret ma għandha l-ebda rilevanza għall-finijiet tal-kawża odjerna għaliex hija nulla.

- Dwar il-premessa numru 8 fir-rikors promotur "Illi sussegwentement wara li sar il-kuntratt bejn il-familja Pirotta u Carmel Borg, Carmel Borg beda jinsisti illi nofs l-art tinqaleb fuq Dennis Bezzina għaliex Borg kellu problema minhabba t-taxxa", din il-Qorti tgħid illi anke li kieku għas-saħħa tal-argument taċċetta li l-iskrittura tat-28 ta' Frar, 2015 kienet wegħda ta' trasferiment lil hinn minn ftehim *prestanome*, xorta waħda l-azzjoni attriċi kienet tfalli għaliex l-ebda skrittura ma ġiet reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi.

Ftehim Kolpit b'Causa Illeċita.

- Il-Qorti għarblet ukoll l-eċċezzjoni numru 3[7], fejn il-konvenuti eċċepew "Illi l-ftehim hu kolpit mill-illecitu". Il-konvenuti jsostnu illi apparti l-problemi matrimonjali li l-attur kien għaddej minnhom fiż-żmien rilevanti, l-iskop tal-attur kien mhux biss li ma jurix lill-martu dak li kien qed jinnegozja iżda wkoll li jevadi t-taxxa.

- **Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi *L-obbligazzjoni ……… magħmula fuq kawża …illeċita, m'għandha ebda effett*. Filwaqt li **Artikolu 990** tal-istess kodiċi jipprovdi illi: *Il-kawża hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku*.

- Dwar l-obbligazzjonijiet kolpiti minn *causa illeċita* huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza illi min jidħol f'negozju bil-ħsieb li jqarraq bil-liġi m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li jekk in-negozju jmur ħażin, ikun jista' jadixxi lill-Qorti sabiex jieħu dak li jippretendi li tilef. . Il-biża' li jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandu jservi ta' disinċentiv għal min jiġiħ il-ħsieb li jagħmel negozju a skapitu tal-erarju pubbliku. (ara. **Redent Zammit et. v. George Raymond Pace et.** - Prim' Awla - 27 ta' Ottubru, 2022 (mhux appellata); **George Seychell vs Spring Valley Co. Ltd** - Appell Superjuri - 2 ta' Marzu, 2018; **Melita Insurance Brokers Limited v. Joseph Fenech et**. - -Prim' Awla - 14 ta' Ottubru 1997).

- omissis -

[7] Għalkemm l-eċċezzjonijiet ma humiex numerati (fol. 13)

- Mill-kumpress tal-provi akwiżiti jirriżulta illi l-ħsieb tal-attur li jkun sħab silenzjuż fin-negozju mal-konvenuti kellu l-iskop li huwa ma jidhirx fl-ebda stadju tan-neġozju konsistenti fl-ispekulazzjoni tal-art u ċioe' la fix-xiri u wisaq anqas allura fil-bejgħ tal-istess. Veru li fuq l-iskrittura tat-28 ta' Frar 2015 l-attur intrabat mal-konvenuti illi joħroġ sehemu tat-taxxi dovuti sew meta tinxtara l-art kif ukoll meta tinbiegħ mingħajr ma jidher. Pero' tali ftehim għandu l-konsegwenza illi l-kuntrattazzjoni kummerċjali konsistenti f'negozju ta' spekulazzjoni fuq immobbli, tibqa' mistura għall-Fisku. Kuntrattazzjoni manifestament mibnija fuq causa illeċita.

- Il-fatt ippruvat u ammess mill-istess attur li ried jagħmel dan in-negozju minn wara dahar martu u bil-ħabi tagħha ma jinnewtralizzax il-causa illeċita fil-konfront tal-Fiscus. Jekk xejn tali intenzjoni tal-attur fil-konfront ta' martu taggrava l-posizzjoni legali tiegħu fir-rigward tal-causa illeċita u mhux taġevolaha.

- Il-Qorti ma tistax tagħti effett ftehim li wieħed mill-iskopijiet manifesti tiegħu huwa li fil-konfront tal-Fiscus l-attur jibqa' kompletament mistur. Immaterjali li fil-ftehim kien hemm patwit illi l-attur iħallas lill-konvenuti t-taxxi li kienu ser ikunu soġġetti għalihom fuq l-intier tan-negozju. Il-liġijiet fiskali, li wkoll huma ta' ordni pubbliku, ma jipperpettux din ix-xorta' ta' manuvrar sabiex wieħed jinnegozja u jagħmel profitti fl-ombra, mingħajr ma jkun ta rendikont lill-Kummissarju tat-Taxxi tal-profitti li jkun għamel. Il-konvenuti ma humiex delegati tal-Kumissarju tat-Taxxi u għalhekk l-arraġament milħuq bejn il-partijiet jikkozza mal-liġijiet fiskali ta' pajjiżna li jistipulaw illi min jagħmel qliegħ kapitali f'negozju dwar proprjeta' immobiljari għandu l-obbligu statutorju li jiddikjarah

direttament mal-Kummissarju tat-Taxxi (ara. **Artikolu 5 (1) (a)**[8] **tal-Att dwar it-Taxxa Fuq l-Income - Kapitolu 123 tal-Liġijiet ta' Malta**).[9]

- Għalhekk ukoll il-ftehim tat-28 ta' Frar, 2015 huwa colpit minn causa illeċita fit-termini tal-Artikoli 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk mhux enforżabbli.

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Bezzina tas-7 ta' Frar 2023 u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Borg tat-23 ta' Marzu, 2023.

5. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidrat;

6. Din il-kawża ġiet intavolata għaliex l-atturi Borg jippretendu li għandhom dritt għad-danni peress li l-konvenuti Bezzina kienu talbu il-ħruġ ta' mandati kawtelatorji fil-konfront tagħhom in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom imresqa fil-kawża fl-ismijiet inversi deċiża aktar kmieni din is-sena kif fuq spjegat.

7. La fir-rikors promotur u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi ma jagħmlu l-ebda referenza għal xi provvediment legali li bis-saħħa tiegħu istitwew dawn il-proċeduri.

8. Il-Qorti tosserva illi fit-talbiet tagħhom l-atturi qed jitolbu danni u mhux ukoll penali. Għalhekk tqis illi mhux applikabbli Artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 li jipprovdi esklussivament dwar penali iżda mhux ukoll dwar danni.

[8] "Qligħ kapitali derivat minn persuna mit-trasferiment ta' attiv għandu jiġi ntaxxat skont ma hemm fl-artikolu 4(1). Minkejja kull ħaġa li tinsab x'imkien ieħor f'dan l-Att, dak il-qligħ għandu jiġi aċċertat kif stipulat f'dan l-artikolu u b'dak il-mod li jista' jiġi stabbilit. Il-qligħ kapitali li għalih igħoddu d-dispożizzjonijiet ta'dan l-artikolu huwa:………."; ara wkoll **Regolamenti Dwar Qligħ Kapitali** - Liġi Sussidjarja 123.27

[9] Ara wkoll: **Art. 49 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (**Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta**)**

9. Huwa s-sub inċiż 9 tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 li jipprovdi dwar danni wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju. Jipprovdi kif isegwi:

> Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.

10. Jirriżulta illi l-konvenuti Bezzina kienu għamlu żewġ tentativi sabiex jottjenu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni. L-ewwel tentativ seħħ fl-1 ta' Lulju 2016 fejn talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi Borg liema talba, wara li ġiet milqugħa provviżorjament, ġiet miċħuda b'digriet finali tal-20 ta' Lulju, 2016. It-tieni tentativ seħħ fit-20 ta' Ottubru, 2019 fejn it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġiet l-ewwel milqugħa provviżorjamebnt u sussegwentement miċħuda b'digiet finali tal-20 ta' Diċembru, 2019.

11. Jirriżulta għalhekk illi meta l-atturi intavolaw il-kawża odjerna ma kien hemm l-ebda mandat ta' inibizzjoni kontra tagħhom filwaqt li jirriżulta wkoll li fl-ewwel rikors il-mandat maħruġ provviżorjament dam fis-seħħ għal anqas minn xahar filwaqt li fit-tieni rikors il-mandat maħruġ provviżorjament dam fis-seħħ għa xahrejn.

12. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi l-azzjoni attriċi hija destinata li tfalli għar-raġuni illi ma tirriżulta l-ebda xrara ta' evidenza dwar danni allegatament sofferti b'konsegwenza tal-ħruġ provviżorju għal żmien qasir ħafna tal-

mandati kawtelatorji la fl-atti tal-kawża odjerna u lanqas fl-atti tal-kawża fil-mertu deċiża fit-13 ta' Lulju 2023.

13. Min jallega għandu l-oneru li jipprova.[10] In-nuqqas totali da parti tal-atturi li jressqu l-iċken prova dwar l-allegati danni għandu jwassal għall-unika konklużżjoni possibbli u cioe' l-akkoljiment tas-sitt eċċezzjoni u ċ-ċaħda tat-talbiet attriċi. Ikun inutili li din il-Qorti tikkonsidra l-eċċezzjonijiet l-oħra.

Decide.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' s-sitt eċċezzjoni;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet l-oħra;

3. Tiċħad it-talbiet attriċi;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi.

Robert G. Mangion

Imħallef

26 ta' Settembru, 2023

Lydia Ellul

Deputat Registratur

[10] Art. 562, Kap. 12.